**Emenda 2**
**Tarja Cronberg**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0560/2013**
**PPE, S&D, ALDE**
It-tħejjija għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (19-20 ta' Diċembru 2013)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 10. Huwa tal-fehma li, f'ambjent ġeostrateġiku volatili li qed jinbidel b'ritmu mgħaġġel, ikkaratterizzat minn sfidi ġodda dwar is-sigurtà, l-ibbilanċjar mill-ġdid tal-Istati Uniti lejn ir-reġjun tal-Asja-Paċifiku, u l-impatt tal-kriżi finanzjarja, l-UE teħtieġ li tassumi r-responsabilità tagħha ***bħala protagonista politika globali u entità li tipprovdi s-sigurtà b'mod kredibbli, u b'awtonomija strateġika reali partikolarment fil-viċinat tagħha***, mingħajr ma jiġu ripetuti attivitajiet eżistenti fil-qafas tan-NATO, biex tippromwovi l-paċi u s-sigurtà internazzjonali, biex tħares l-interessi tagħha fid-dinja u biex tiżgura s-sigurtà taċ-ċittadini tagħha; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li l-UE tkun konsistenti fil-politiki tagħha u aktar veloċi u effiċjenti meta tassumi r-responsabilitajiet imsemmija hawn fuq; | 10. Huwa tal-fehma li, f'ambjent ġeostrateġiku volatili li qed jinbidel b'ritmu mgħaġġel, ikkaratterizzat minn sfidi ġodda dwar is-sigurtà, l-ibbilanċjar mill-ġdid tal-Istati Uniti lejn ir-reġjun tal-Asja-Paċifiku, u l-impatt tal-kriżi finanzjarja, l-UE teħtieġ li tassumi r-responsabilità tagħha biex tippromwovi l-paċi u s-sigurtà internazzjonali, biex tħares l-interessi tagħha fid-dinja u biex tiżgura s-sigurtà taċ-ċittadini tagħha; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li l-UE tkun konsistenti fil-politiki tagħha u aktar veloċi u effiċjenti meta tassumi r-responsabilitajiet imsemmija hawn fuq; |

Or. en

10.12.2013 B7-0560/3

**Emenda 3**
**Tarja Cronberg**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0560/2013**
**PPE, S&D, ALDE**
It-tħejjija għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (19-20 ta' Diċembru 2013)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 11. Jinnota li bħalissa l-UE qiegħda tiffaċċja restrizzjonijiet finanzjarji sinifikanti u li l-Istati Membri, minħabba raġunijiet finanzjarji, baġitarji u politiċi, li jistgħu jkunu jew ma jkunux marbuta mal-kriżi li qiegħda tolqot iż-żona tal-euro, qegħdin f'fażi ta' tnaqqis mhux koordinat tal-livell tagħhom tan-nefqa tad-difiża; jenfasizza l-impatt negattiv potenzjali ***ta' dawn il-miżuri*** fuq il-kapaċitajiet militari ***tagħhom*** u, għalhekk, fuq il-kapaċità tal-UE li tassumi b'mod effettiv ir-responsabilitajiet tagħha fl-oqsma taż-żamma tal-paċi, tal-prevenzjoni tal-kunflitti u tat-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali; | 11. Jinnota li bħalissa l-UE qiegħda tiffaċċja restrizzjonijiet finanzjarji sinifikanti u li l-Istati Membri, minħabba raġunijiet finanzjarji, baġitarji u politiċi, li jistgħu jkunu jew ma jkunux marbuta mal-kriżi li qiegħda tolqot iż-żona tal-euro, qegħdin f'fażi ta' tnaqqis mhux koordinat tal-livell tagħhom tan-nefqa tad-difiża; jenfasizza l-impatt negattiv potenzjali ***tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni foqra*** fuq il-kapaċitajiet militari u, għalhekk, fuq il-kapaċità tal-UE li tassumi b'mod effettiv ir-responsabilitajiet tagħha fl-oqsma taż-żamma tal-paċi, tal-prevenzjoni tal-kunflitti u tat-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 4**
**Tarja Cronberg**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0560/2013**
**PPE, S&D, ALDE**
It-tħejjija għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (19-20 ta' Diċembru 2013)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jissottolinja l-fatt li t-Trattat ta' Lisbona introduċa bosta strumenti ġodda relatati mal-PSDK, li għadhom ma tpoġġewx fil-prattika; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġu implimentati dawn id-dispożizzjonijiet sabiex tissaħħaħ aktar il-PSDK, u jistieden lill-Kunsill jieħu vantaġġ sħiħ tal-istrumenti msemmija hawn fuq (bħall-kooperazzjoni strutturata permanenti fost l-Istati Membri (Artikolu 46(6) TUE) u l-possibilità li jiġu fdati l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK b'mod partikolari ***għal*** dak il-grupp ta' Stati Membri (Artikoli 42(5) u 44(1) TUE)); | 16. Jissottolinja l-fatt li t-Trattat ta' Lisbona introduċa bosta strumenti ġodda relatati mal-PSDK, li għadhom ma tpoġġewx fil-prattika; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġu implimentati dawn id-dispożizzjonijiet sabiex tissaħħaħ aktar il-PSDK, u jistieden lill-Kunsill jieħu vantaġġ sħiħ tal-istrumenti msemmija hawn fuq (bħall-kooperazzjoni strutturata permanenti fost l-Istati Membri (Artikolu 46(6) TUE) ***, il-fond ta' tnedija (Artikolu 41(3) TUE)*** u l-possibilità li jiġu fdati l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK b'mod partikolari ***lil*** dak il-grupp ta' Stati Membri (Artikoli 42(5) u 44(1) TUE)); |

Or. en


Magħquda fid-diversità

10.12.2013 B7-0560/5

**Emenda 5**
**Tarja Cronberg**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0560/2013**
**PPE, S&D, ALDE**
It-tħejjija għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (19-20 ta' Diċembru 2013)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jistieden lill-Kunsill jimpenja ruħu fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam ***tal-armamenti***, b'mod partikolari billi jsaħħaħ l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża sabiex t-tiżvolġi r-rwol sħiħ tagħha fil-promozzjoni tal-koordinazzjoni, fis-superviżjoni tal-impenji, tagħti prijorità lill-investiment fit-teknoloġiji (inklużi strumenti strateġiċi bħal riforniment ta' fjuwil fl-ajru, komunikazzjoni bis-satellita, trasport bl-ajru strateġiku, ***sistemi tal-ajru telepilotati, difiża ċibernetika*** u l-Ajru Uniku Ewropew), fil-ftehim fuq l-użu akbar ta' koalizzjonijiet tal-voluntiera / gruppi ristretti, u biex tinstab soluzzjoni prattika għall-użu ta' Gruppi Tattiċi; | 18. Jistieden lill-Kunsill jimpenja ruħu fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam ***tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet***, b'mod partikolari billi jsaħħaħ l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża sabiex t-tiżvolġi r-rwol sħiħ tagħha fil-promozzjoni tal-koordinazzjoni, fis-superviżjoni tal-impenji, tagħti prijorità lill-investiment fit-teknoloġiji (inklużi strumenti strateġiċi bħal riforniment ta' fjuwil fl-ajru, komunikazzjoni bis-satellita, trasport bl-ajru strateġiku u l-Ajru Uniku Ewropew), fil-ftehim fuq l-użu akbar ta' koalizzjonijiet tal-voluntiera / gruppi ristretti, u biex tinstab soluzzjoni prattika għall-użu ta' Gruppi Tattiċi; |

Or. en

10.12.2013 B7-0560/6

**Emenda 6**
**Tarja Cronberg**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0560/2013**
**PPE, S&D, ALDE**
It-tħejjija għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (19-20 ta' Diċembru 2013)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jappella lill-Istati Membri jwegħdu l-appoġġ tagħhom għal EDTIB robusta li tista' tegħleb il-frammentazzjoni, u ***biex isaħħu l-kreattività*** u s-saħħa tal-industriji Ewropej permezz ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-ippjanar tal-baġits tad-difiża nazzjonali (potenzjalment permezz tat-twaqqif ta' "Semestru Ewropew" għal kwistjonijiet tad-difiża) u koordinazzjoni aktar mill-qrib fil-livell industrijali (l-armonizzazzjoni ta' standards u ċ-ċertifikazzjoni ta' tagħmir tad-difiża); ***jappella li jiġu provduti aktar inċentivi u appoġġ għall-industrija tad-difiża, b'impenn għall-iżvilupp ta' tekonoloġiji u sistemi ewlenin tad-difiża (inċentivi fiskali, għajnuna finanzjarja għal riċerka u żvilupp, u l-istituzzjonalizzazzjoni ta' sinerġiji bejn kapaċitajiet ċivili u militari);*** | 19. Jappella lill-Istati Membri jwegħdu l-appoġġ tagħhom għal EDTIB robusta li tista' tegħleb il-frammentazzjoni, ***id-duplikazzjoni u l-kapaċitajiet żejda, u ttejjeb l-kreattività*** u s-saħħa, tal-industriji Ewropej permezz ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-ippjanar tal-baġits tad-difiża nazzjonali (potenzjalment permezz tat-twaqqif ta' "Semestru Ewropew" għal kwistjonijiet tad-difiża) u koordinazzjoni aktar mill-qrib fil-livell industrijali (l-armonizzazzjoni ta' standards u ċ-ċertifikazzjoni ta' tagħmir tad-difiża); |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 7**
**Tarja Cronberg**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0560/2013**
**PPE, S&D, ALDE**
It-tħejjija għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (19-20 ta' Diċembru 2013)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-implimentazzjoni tal-"Pakkett ta' Difiża" kif propost fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Lejn settur tad-difiża u tas-sigurtà aktar kompetittiv u effiċjenti" (COM(2013)0542), u biex jaħdmu flimkien lejn it-tneħħija gradwali ta' rekwiżiti ta' kumpens; jistieden lill-Istati Membri biex jużaw ukoll ir-rieżami li ġej tad-Direttiva dwar l-Akkwist fil-Qasam tad-Difiża (2009/81/KE) biex jiġi indirizzat ukoll il-bejgħ bejn gvern u ieħor;*** |

Or. en

10.12.2013 B7-0560/8

**Emenda 8**
**Tarja Cronberg**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B7-0560/2013**
**PPE, S&D, ALDE**
It-tħejjija għal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew (19-20 ta' Diċembru 2013)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19b. Jistieden lill-Istati Membri biex isaħħu b'mod sinifikanti l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tagħhom għal dawk l-aspetti tad-difiża li huma relevanti għal PSDK effettiva; jistieden lill-Istati Membri biex ikunu aktar ambizzjużi rigward il-proċess tal-akkomunament u tal-qsim;*** |

Or. en